

# The Powerful Joe Falzon

## *Ir-Raġel Żejtuni ddedikat għar-Rekords ta' Saħħa*

**Is-Sur Christopher Chetcuti**
**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**

Joe Falzon magħruf iktar bħala "The Powerful Joe Falzon" twieled iż-Żejtun nhar id-9 ta' Novembru 1932, u fl-okkażjoni ta' għeluq it-tmenin sena tiegħu ħadtlu xi ftit kummenti u stħarriġt ftit dwar ħajtu u r-rekords li kiseb.

Joe Falzon minn età żgħira kien juri interess kbir fl-isports u kien jikkollezzjona rivisti u kotba li jittrattaw il-'body building' u 'weight lifting'. Huwa kompla t-training tiegħu u dejjem żamm l-isport bħala l-iktar ħaġa importanti fil-ġurnata ta' kuljum. Mill-'body building' Joe Falzon beda jittrenja wkoll fl-akrobaziji, dan beda jagħmlu meta l-ewwel iben tiegħu għalaq sentejn. Flimkien mat-tifel tiegħu Joe Junior huwa esebixxa ruħu ma' Malta kollha.

Flimkien mal-ħabib tiegħu Michael Aquilina, Joe Falzon kien itella' spettaklu varjat bit-titlu ta' 'The Magnificent 7', dan kien ikun spettaklu ta' madwar erba' sigħat fejn diversi artisti kemm stabbiliti kif ukoll novelli kienu jesebixxu ruħhom fil-kant, maġija, u ħafna talenti varjati oħra. Michael u Joe li kienu d-diretturi tal-'Magnificent 7 Show' kellhom 68 artist jagħtu l-esebizzjoni tagħhom u kienu jtellgħu 24 spettaklu kull sena. Joe Falzon kien imexxi 'gymnasium' fiż-Żejtun fejn minnha kien jaspira li jtella' żgħażagħ bl-istess ambizzjonijiet u mħabba għall-isports bħalu. Il-familja ta' Joe maż-żmien kibret għaliex Joe kellu għaxart itfal. Flimkien ma' missierhom kienu ċ-ċirasa fuq il-kejk tal-'Magnificent 7 Show'. Barra akrobaziji l-familja Falzon kienet titrenja l-mixi fuq il-ħabel u t-trapiż. Il-familja akrobatika Falzon ma baqgħetx tidher biss fuq il-gazzetti lokali iżda dehret fuq gazzetti barranin l-Assoċjazzjoni Brittanika tal-Akrobatiċi rrikonixxithom bħala akrobatiċi professjonali.

Apparti l-akrobaziji Joe Falzon baqa' jħobb ħafna l-isports għalhekk huwa daħal għall-esebizzjonijiet ta' saħħa fiżika u bla dubju f'dan il-qasam huwa għamel suċċess kbir. Joe jibqa' mfakkar għar-rekords kbar li għamel matul il-karriera tiegħu fosthom ir-rekord li għamel fit-Teatru Pandora fiż-Żejtun fejn dam tnax-il siegħa mimdud fuq sodda magħmula minn 450 musmar. Joe Falzon għamel iktar wirjiet ta' saħħa, fosthom ġibed ajruplan tal-Air Malta għal tul ta' 30 pied, ġibed żewġ xarabanks ta' tmien tunnelata l-waħda, Imbotta ferrovija ta' 21 tunnelata ġewwa Manchester. Ġibed karozza Amerikana għall-100 pied marbuta biss ma' xagħru, sploda bin-nifs tiegħu 'hot water bottle' u 'tyre' ta' 'truck' u ħafna oħrajn. Joe jirrakonta li l-punt ta' referiment tiegħu dejjem kienet il-Madonna. Kull wirja li jagħmel kien jieħu statwa tal-Madonna u jpoġġiha fejn jista' jaraha matul il-wirja, hu saħansitra jiddikjara li hu ffisat fuq il-Madonna. Meta saqsejtu liema kienet l-iktar esperjenza kerha tul il-karriera tiegħu Joe qalli li darba kien qed jagħmel wirja fil-Mosta u sieħbu għal xi raġuni ċaqlaq l-istatwa tal-Madonna minn fejn kienet, Hekk kif hu qasam kantun bħala waħda mill-wirjiet tiegħu biċċa mill-kantun laqtet l-istatwa tal-Madonna u din inkisret, Joe kif ra hekk stqarr mal-pubbliku li l-esebizzjoni tiegħu waqfet hemm ħabba dak li ġara.



Eluf ta' nies jaraw u jibqgħu sorpriżi bl-ispettaklu ta' Joe Falzon waqt li jiġbed żewġt iżwiemel li qed jimxu fid-direzzjoni opposta



It-tfal ta' Joe Falzon bilwieqfa bbilanċjati fuq sider ħuhom il-kbir



It-tfal ta' Joe Falzon f'waħda mill-akrobaziji tagħhom



Joe Falzon mindud fuq sodda magħmula minn 450 musmar għal tnax-il siegħa sħaħ



Joe Falzon jiġbed karozza amerikana marbuta mat-toppu tiegħu biss għal distanza ta' 100 pied



Joe Falzon jonfoħ hot water bottle sakemm jisplodi



Joe Falzon mat-tfal tiegħu



Joe Falzon jonfoħ tyre ta' truck sakemm jisplodi

Min-naħa l-oħra esperjenza sabiħa li Joe irrakuntali kienet meta ġibed l-ajruplan, għal din il-wirja Joe ma setax jagħmel il-provi neċessarji minn qabel. l-Ajruplan tat-tip Boeing 727 kien għadu ġej minn titjira. Hekk kif rah Joe baqa' mistagħġeb bil-kobor tiegħu u ħaseb li mhux se jirnexxilu jiġbdu.

Il-ħsieb reġa' dar lejn il-Madonna, Joe ħassha timlieh bil-kuraġġ u tgħidlu biex jimmaġina li ser jiġbed 'mini minor' flok ajruplan. Joe għamel il-kuraġġ u ta l-wirja tiegħu u mhux talli rnexxilu, talli l-pilota kellu jħaddem il-brejks tal-ajruplan għax ħaseb li Joe se jħaxken l-ajruplan mal-gallarija fejn kien hemm ħafna nies.

Joe Falzon iltaqa' ma' ħafna artisti u personaġġi barranin ta' fama fosthom Rolf. Harris, Joan Collins, Tony Newly, Claudio Villa, Domenico Modugno, Audrelio Fiero, Mickey Rooney u Roger Moore. Joe Falzon li llum il-ġurnata jgħodd it-tmenin sena jgħid li biex bniedem juri li għadu f'saħħtu jrid ikun kapaċi jerfa' l-istess ammont ta' piż li jiżen hu bħala ħadid.